**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 161/15 AL

AB

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Gunju 1994 (Vide Dok RG 1 anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal li jisimhom LB li twieled fit-2/3/1997 u kwindi hu maggorenni u JB li twieled fil-25/6/2001 u kwindi ghadu minorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa tal-25 ta' Novembru 2009 (Vide Dok RG 2 anness) u kienu ilhom zmien qabel de facto separati minn xulxin;

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm ebda manteniment dovut lill-intimata ghaliha personali stante li ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett huma t-tnejn irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteiment reciproku, filwaqt li l-manteniment tat-tifel minuri qed jithallas skont il-kuntratt;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skont il-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Illi l-intimata qed toggezzjona ghat-talba tad-divorzju maghmula mir-rikorrenti u dana peress illi filwaqt illi hemm qbil mal-kontenut ta' l-ewwel tlett paragrafi tar-rikors guramentat u mal-kontenut tar-raba' paragrafu limitatament ghall-fatt illi ai termin tal-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment minghand xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni f'dan ir-rigward, min-naha l-ohra hemm kwistjoni rigward il-manteniment mhux biss tat-tifel minuri JB izda ukoll fir-rigward ta' LB li ghalaq 18-il sena, xahrejn u nofs ilu, cjoe fit-2 ta' Marzu 2015, u dana ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati hawn aktar 'l isfel;

Illil fl-ewwel lok jinghad li ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, u senjatament fi klawsola numru 7 (ii) (a fol. 6 tal-kuntratt), il-manteniment pagabbli ghat-tfal fl-ammont ta' EUR 320.29 kull tifel,

kellu jizdied kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja – il-manteniment kellu ghalhekk jawmenta fl-2011 u fl-2013, u din is-sena f'Novembru 2015 ikun imiss it-tielet awment. Jinghad illi tali awment tal-manteniment qatt ma sar da parti tar-rikorrenti li addirittura meta mitlub mill-intimata sabiex ihallas iz-zieda skont kif pattwit ai termini tal-kuntratt, irrifjuta illi jaghmel dan, u ghalhekk fil-prezent tali awment ghadu dovut u l-manteniment ma jistax jitqies li thallas kollu;

Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi ai termin tal-kuntratt ta' separazzjoni fi klawsola 8, ir-rikorrenti kien obbliga ruhu illi jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tfal wara li jigu prezenati lilu l-ircevuti relattivi – f'dan is-sens jinghad li ghad hemm pendenza ta' spejjez maghmula mill-intimata li baqghu ma thallsux mir-rikorrenti nonostante l-interpellazzjonijiet maghmula lilu mill-istess intimata, u dana kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi in oltre jinghad illi peress li l-kuntratt ta' separazzjoni jistipula illi l-manteniment ghat-tfal tal-partijiet jithallas sa gheluq it-18 il sena stante illi l-istess kuntratt gie konkluz bejn l-partijiet fl-2009, u cjoe sentejn qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XIV tas-sena 2011, allura l-kuntratt ma jirriflettix it-tibdiliet li saru fil-ligi u cjoe illi l-manteniment ghall-ulied jibqa jithallas wara 18-il sena sakemm jaghlqu 23 sena, fil-kaz illi t-tfal ikomplu fl-istudju taghhom full-time. Ghalhekk in vista ta' dan il-fatt, hekk kif L B ghalaq 18-il sena fit-2 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti waqqaf il-hlas ta' manteniment kif ukoll ir-rimbors ta' nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni ta' L B li ghadu qieghed jistudja prezentement;

Illi jinghad ukoll illi ir-rikorrenti kien anki avvicina lil ibnu L u qallu illi hu kien dispost jibqa' jhallas maneniment u nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u tas-sahha pero dawn il-pagamenti ried li jaghmilhom direttament lil L B u mhux lil ommu l-intimata, u dana nonostante l-fatt illi L B, ghalkemm maggorenni ghadu qieghed jirrisjedi ma ommu u hija l-istess intimata li tiehu hsieb tat-trobbija tieghu u ta' l-ispejjez kollha relatati mieghu. Meta L insista mar-rikorrenti illi jrid illi tali manteniment u spejjez jibqghu jithallsu lil ommu kif dejjem sar skont il-kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikorrenti ma tax kaz u sal-lum ghadu m'hu qieghed jikkontribwixxi xejn f'dan is-sens ghal ibnu, nonostante l-ligi;

Illi di piu jinghad illi fil-prezenti fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet tal-manteniment u nofs l-ispejjez ta' L B, hemm fil-fatt pendenti proceduri ta' medjazzjoni bejn l-partijiet quddiem din il-Qorti kif presjeduta li jgibu in-numru 285/2015 sabiex jigi emendat il-kuntratt ta' separazzjoni biex jirrifletti it-tibdiliet fil-ligi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tat-tfal wara 18-il sena, liema proceduri ghadhom fil-bidu taghhom u fil-fatt hemm l-ewwel seduta ffisssata mal-medjatur Godwin Genovese ghat-8 ta' Gunjuu 2015 fis-1.30p.m.;

Illi ghalhekk in vista ta' dak eccepit f'din ir-risposta, m'huwiex minnu illi r-rekwiziti mitluba mill-ligi ai termini ta' l-Artikolu 66B sabiex jinghata d-divorzju huma sodisfatti ghal dak li jirrigwarda l-element tal-manteniment;

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talbiet rikorrenti ghad-divorzju, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2015;

Rat in-nota ipprezentata mill-intimata sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Buttigieg;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti fl-ewwel lok qeghda tilqa t-talba tal-intimata sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Buttigieg u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu il-passi kollha opportuni f'dan ir-rigward;

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 2015 fejn Dr Sarah Sultana ghall-intimata infurmat lill-Qorti illi l-intimata thallset l-arretrati kollha tal-

manteniment dovuti mir-rikorrenti u ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri mir-rikorrenti;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Novembru 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.